**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 190/2018**

**NO (l-ilmentatur)**

**vs**

**MIB Insurance Agency Ltd.**

**(C 42111) (il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tal-25 t'April 2022**

**L-Arbitru ra l-ilment**[1] fejn fis-sustanza l-ilmentatur issottometta:

Illi huwa kellu polza tal-assikurazzjoni mas-socjetà *MIB Insurance Agency Ltd* bhala rapprezentanti ta' *Lloyds Sydicate Amlin Year 6* u dan in konnessjoni mad-dghajsa *Hui Jen* liema polza giet annessa bhala Dok A;

Illi kif jirrizulta mir-rapport tal-pulizija datat 3 ta' Novembru 2015 (Dok B), l-ilmentatur sab id-dghajsa mgharrqa u ressaq *claim* mal-provditur tas-servizz biex jigi kkompensat ghad-danni li sofra. Permezz ta' email datata 4 ta' Novembru 2015, mibghuta minn Josef Galea ghan-nom tal-assikurazzjoni (Dok C), l-ilmentatur gie nfurmat sabiex jaghmel l-arrangamenti mehtiega biex id-dghajsa tittella' mill-bahar;

Illi permezz ta' ittra datata 17 ta' Frar 2016 (Dok D), il-provditur tas-servizz talab lill-ilmentatur numru ta' dokumenti sabiex ikun jista' jipprocessa l-*claim* liema dokumenti gew mghoddija lill-istess assikurazzjoni;

Illi permezz ta' ittra datata 25 t'April 2016 (Dok E) mibghuta mill-Avukat Dr Raymond Zammit ghan-nom tal-*Underwriters* sottoskritti ghall-polza in kwistjoni, l-ilmentatur gie nfurmat illi t-talba ghal rizarciment ma setghetx tigi milqugha peress illi skont l-istess *underwriters* tal-polza kellha tkun meqjusa

[1] Pagna/i (P.) 1-7

*nulla ab initio* u dan peress illi that Sezzjoni H (*Declaration of Facts*) tal-*Statement of Facts/Proposal Form* (Dok. F), fil-paragrafu numru 6 li jitkellem dwar '*no insured/skipper has ever been charged with or convicted for an offence involving dishonesty of any kind'* ma gie indikat xejn mill-ilmentatur filwaqt illi waqt l-investigazzjoni taghha, l-*underwriters* gew a konoxxenza ta' sentenza kriminali fl-ismijiet il-*Pulizija vs NO* datata 16 ta' Gunju 2008 (Dok G) u li kwindi huwa kien jinsab moruz fuq l-istess polza stante li l-istess ma kenitx giet minnu zvelata.

Illi *di più,* fl-istess ittra, l-ilmentatur gie nfurmat ukoll illi peress illi skont ittra datata 11 ta'Marzu 2016, kien gie indikat illi certu YYY kien qed jabita fid-dghajsa fil-kapacità tieghu ta' kaptan, tali fatt kien jikser il-garanzija. Fl-istess ittra, l-ilmentatur kien gie nfurmat illi billi l-polza kienet qed tigi meqjusa bhala *nulla ab initio*, l-istess assikurazzjoni baghtet lura, permezz ta' cekk fl-ammont ta' Eur 1781, il-*premium* li kien thallas mill-ilmentatur. Illi l-ilmentatur ma accettax tali refuzjoni u fil-fatt qatt ma ssarraf tali cekk anzi baghat l-istess cekk lura lill-assikurazzjoni permezz ta' posta registrata.

Illi permezz ta' ittra datata 7 t'Ottubru 2016 (Dok H), mibghuta mill-Avukat Alessandro Lia ghan-nom tal-ilmentatur, in risposta ghall-ittra sudetta, l-ilmentatur irribatta illi ma kien minnu xejn li kien hemm ksur tal-polza b'rizultat ta' xi allegat '*material fact'* li thalla barra fl-istadju tal-*proposal* u dan billi kien certu Malcolm Ellul (fi hdan l-assikurazzjoni) li kien imlielu l-formola in kwistjoni (fuq it-telefon) u fl-ebda waqt u hin ma l-ilmentatur gie mitlub jaghti xi informazzjoni dwar il-fedina penali tieghu. Fil-fatt, l-unika informazzjoni li ntalab mill-istess Ellul kien dwar *claims* passata dwar liema l-ilmentatur wiegeb fil-pront bid-dettalji kollha relattivi li fil-fatt tnizzlu fuq l-istess formula fis-sezzjoni 'I'.

Illi, apparti minn hekk, l-ilmentatur ilmenta wkoll li kien ghal kollox irragonevoli illi l-assikurazzjoni tuza fatti li kienu jirrisalu ghal 10 snin qabel biex jevadu l-obbligi taghhom taht il-polza u jeffettwaw il-hlas.

Dwar l-allegazzjoni li l-Kaptan YYY kien qed jabita fuq id-dghajsa, l-ilmentatur cahad tali fatt u spjega li r-residenza ordinarja tal-istess Kaptan kien il-post tieghu fil-Gzira.

Illi in segwitu ghal dan l-iskambju beda skambju ta' korrispondenza elettronika bejn il-provditur tas-servizz u Patrick Muscat, konsulent fil-qasam tal-assikurazzjoni inkarigat mill-ilmentatur, fejn intalab li jkun hemm konsiderazzjoni mill-gdid tal-pozizzjoni tal-*Underwriters*. Tali korrispondenza qed tigi annessa bhala Dok I. In sintesi, l-ilmentatur argumenta illi rigward ic-cahda tal-polza minhabba sejbien ta' htija li tirrisali ghat-2008 u n-*non-disclosure* tal-istess decizjoni fil-mument tal-*proposal* ghandhom japplikaw dawn il-kunsiderazzjonijiet:

1. Il-kaz ghandu jigi mistharreg taht il-principji Inglizi enuncjati taht ir-*Rehabilitation of Offenders Act* u l-ICOBS li ghalkemm huma prinicpji Inglizi, ghandhom isibu applikazzjoni lokalment.

2. Id-decizjoni li taghha instabhati l-ilmentatur kienet tirrigwarda fatti li graw fl-2007 u kien wehel sentejn habs sospizi. Il-*proposal* tal-MIB giet iffirmata f'Gunju 2013 u s-sentenza in kwistjoni tirrigwarda offiza minima.

3. Apparti minn hekk, il-polza tal-ilmentatur kienet ilha fis-sehh minn ferm qabel ma ghaddiet ghand l-assikurazzjoni *de quo*. Infatti, originarjament il-polza kienet mal-*Lloyds (Amlin 6)* li kienu rapprezentati lokalment minn *Rausi Insurance Agency Ltd* fejn kien jahdem qabel l-istess Malcolm Ellul. Gara li *Atlas Insurance* akkwistat lil *Rausi Insurance Agency Ltd*, u l-ilmentatur gie infurmat b'ittra illi l-polza baqghet l-istess b'dan illi l-*insurer* il-gdid flok *Rausi* kien *Atlas*. L-ilmentatur ma kien intalab jimla ebda *proposal form* gdida. Aktar tard, l-ilmentatur kien gie avvicinat minn Malcolm Ellul, issa impjegat tal-MIB u li qabel kien jahdem ma' *Rausi Insurance,* biex jinxurja d-dghajsa mal-MIB.

   Hawnhekk, l-ilmentatur intalab jimla *proposal* mill-gdid – dik li hija l-bazi tac-cahda odjerna – izda, fil-verità, kieku mhux ghac-caqliq lokali fil-*portfolio*, l-ilmentatur lanqas kien ikollu bzonn jimla *proposal* gdida. In fatti, l-istess Malcolm Ellul kien informa lill-ilmentatur illi din il-*proposal form* gdida kienet biss kwistjoni amministrattiva u li ma kien ser jinbidel xejn. Tant hu hekk, li kien l-istess Malcolm Ellul li mela l-istess formola (Dok F) meta kien fuq it-telefon mal-ilmentatur, u l-ghada, l-ilmentatur kemm mar l-ufficcju ta' Malcolm, kemm iffirma l-istess formola u tah ic-

cekk tal-*premium*. Dakinhar tal-firma, l-ilmentatur ma nqratlux il-formola peress li kien sabha lesta mimlija mill-istess Malcolm Ellul.

4. Certament l-ilmentatur ma kellu ebda intenzjoni li jahbi. Tant, illi l-*claim* precedenti li huwa kellu ftit xhur qabel ma' *Atlas* giet debitament imnizzla.

5. L-ilmentatur kien avvicina habib tieghu li kien involut fi proceduri kriminali simili ghal tieghu u qallu b'dak li gralu fuq il-*claim* tal-*boat*. Din il-persuna avvicinat lill-*MIB Agency Ltd* fejn infurmatha b'tali proceduri li huwa kien instab hati taghhom u l-istess MIB ma kellha ebda diffikultà temenda l-polza minghajr ma mponiet kundizzjonijiet godda jew *premium* oghla. Id-dettalji ezatti tal-persuna huma nkluzi fil-korrispondenza bejn Patrick Muscat u l-*MIB Ltd.* L-MIB tista' tikkonferma li anke nota fil-*claim file* taghha hemm. Dan ifisser illi ghall-*Underwriters*, tali sejbien ta' htija ma kellu ebda impatt fuq ir-riskju, il-*cover* u l-*premium*, b'mod ghalhekk illi l-istess *Underwriter* qieset li din l-offiza ma kellha ebda impatt jew effett fuq il-konsiderazzjoni taghha tar-riskju.

6. *Di più,* l-akkuza li kien instab hati taghha l-ilmentatur ma kinetx giet appellata bi zvista u kieku kienet giet appellata l-istess sentenza kienet tigi revokata kif fil-fatt kien gara fil-kaz tac-*circa* 400 akkuzat ohra li kien hemm simili ghall-ilmentatur (Vide Dok X 1 u X 2).

Illi nonostante tali sottomssjonijiet da parti tal-istess Patrick Muscat, ghan-nom tal-ilmentatur, l-assikurazzjoni baqghet izzomm il-pozizzjoni taghha kif jidher mill-korrispondenza citata Dok. I.

Illi sussegwentement, il-kwistjoni tressqet quddiem Mr Anthony Day (*AUL Complaints*) li fil-valutazzjoni tieghu tal-kaz riportata fl-*email* hawn annessa (Dok J), wasal ghall-konkluzjoni illi '*MIB have fairly avoided Mr NO's policy ab initio,'* u nforma lill-ilmentatur illi f'kaz li huwa ma jaqbilx mad-decizjoni tieghu, seta' jirreferi l-kaz lill-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji.

Illi in segwitu ghall-istess, l-ilmentaturipprezenta ittra ufficjali datata 27 ta' Gunju 2018 (Dok L) kontra l-provditur tas-servizz fejn talbu jersaq ghall-hlas tas-somma ta' tlieta u sebghin elf, erba' mija u hamsa u sebghin Ewro (Eur 73,475) jew somma ohra verjuri u b'riserva ghal ammont ulterjuri rapprezentanti danni sofferti mill-ilmentatur meta fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Novembru 2015, id-

dghajsa tieghu sudetta bl-isem *'Hui-Jen'* gherqet u sfat kompletament danneggjata u dan *ai termini* tal-polza ta' assikurazzjoni sudetta.

Fl-istess ittra ufficjali, l-ilmentatur irrileva illi billi d-danni sofferti minnu kienu koperti taht 'il fuq imsemmija polza ta' assikurazzjoni, u billi l-ilmentatur gja kien talabhom kemm verbalment u kif ukoll permezz ta' korrispondenza kopjuza sabiex ihallsuh l-ammonti sudetti rapprezentanti danni minnu sofferti, kif fuq inghad, izda huma baqghu inadempjenti. Ghaldaqstant, l-ilmentatur interpellahom ufficjalment permezz tal-ittra ufficjali sudetta sabiex fi zmien tlett ijiem ihallsuh is-somma ta' tlieta u sebghin elf, erba' mija u hamsa u sebghin Ewro (Eur 73,475) jew somma ohra verjuri u b'riserva ghal ammonti ulterjuri rapprezentanti danni sofferti mill-ilmentatur u ghal liema danni l-provditur tas-servizz kien tenut jaghmel tajjeb favur l-ilmentatur taht l-istess polza.

Illi permezz ta' ittra ufficjali responsiva tad-9 ta' Lulju 2018 (Dok M), il-provditur tas-servizz cahad it-talba tal-ilmentatur bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ghaldaqstant, l-ilmentatur qed jipprezenta dan il-kaz tieghu quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji sabiex jistharreg dan il-kaz skont il-Ligi.

Illi l-aggravji tal-ilmentatur fis-semplicità taghhom huma s-segwenti:

1. Il-polza *de quo* ma tistax titqies *nulla ab initio* ghar-ragunijiet indikati mill-provditur tas-servizz.

2. Il-kaz li tieghu instab hati l-ilmentatur kien jirrisali ghall-2007, u l-kaz ma jammontax ghal att ta' dizonestà u kwindi m'hemmx lok li tigi invalidata l-polza.

3. Illi di più, l-ilmentatur ma heba ebda fatti mill-provditur tas-servizz anzi huwa agixxa in ottemporanza tal-principju tal-*uberrima fides.* In fatti, jinghad illi l-ilmentatur kien mar mal-assikurazzjoni *de quo* wara li certu Malcolm Ellul (fi hdan l-assikurazzjoni MIB Ltd) cempillu biex jaqleb l-*insurance* maghhom u, fil-fatt, qdih u mlielu l-formola in kwistjoni minn fuq it-telefon, u fl-ebda waqt u hin ma l-ilmentatur gie mitlub jaghti xi informazzjoni dwar il-fedina penali tieghu. Fil-fatt, l-unika informazzjoni li ntalab mill-istess Ellul kien dwar *claims* passati dwar liema l-esponenti wiegeb fil-pront bid-dettalji kollha relattivi li fil-fatt tnizzlu fuq l-istess formola fis-sezzjoni 'I'.

4. Illi l-kaz kriminali in kwistjoni li tieghu instab hati l-ilmentatur mhux *'material consideration'* li ghandha tigi wzata mill-assikurazzjoni bhala raguni biex ma thallasx. In fatti, persuna ohra bl-isem ta' XXX, li wkoll kien instab hati ta' proceduri kriminali simili ghal dawn tal-ilmentatur (sentenza annessa Dok K), meta avvicina lill-provditur tas-servizz u infurmah b'tali proceduri li huwa kien instab hati taghhom, l-istess provditur tas-servizz ma sab ebda diffikultà li jkompli bil-polza minghajr ma impona kundizzjonijiet godda jew *premium* oghla. Dan ifisser illi ghall-*Underwriters*, tali sejbien ta' htija, ma kellu ebda impatt materjali fuq ir-riskju intrapriz, il-*cover* in kwistjoni u l-*premium* mehtieg, b'mod ghalhekk illi l-istess ghandha titqies offiza ta' natura minima li allura ma ggibx il-konsegwenzi li konvenjentement qed jiccita l-provditur tas-servizz.

5. Illi *di più,* harsa *ictu oculi* lejn il-*proposal form* tal-ilmentatur turi bic-car kemm hija mhux cara, anzi hija '*misleading*' tant illi fis-sezzjoni 'H' *ossia* s-sezzjoni in kwisjtoni ma hemm beda mistoqsija. Hemm biss serje ta' dikjarazzjonijiet illi facilment wiehed jahseb li m'ghandu jaghmel xejn dwarhom. Dan apparti li fil-kaz *de quo*, l-ilmentatur ma meliex il-formola *de visu* imma fuq it-telefon u l-persuna li kienet qed tistaqsi l-mistoqsijiet ma semmiet xejn dwar fedina penali.

   Però, lanqas kieku mela l-proposta *de visu*, xorta jibqa' l-fatt li l-formola per se hija *misleading* hafna meta wiehed jikkompara l-istess tip ta' poloz marittimi u l-proposti relattivi ('*proposal forms*') mahruga minn assikurazzjonijiet lokali ohra.

   *Vide* per ezempju:

   *Mapfre Middlesea plc – Boat Proposal Form (Page 4)*

   https://www.middlesea.com/insurance-mt/images/Boat%20Proposal%20form_tcm988-451287.pdf – **Dok NX 1**

   *Gasan Mamo Insurance Ltd – Boat Proposal Form (Page 4)*

   https://www.gasanmamo.com/app/uploads/2015/12/Yacht-Motorboat-Prop-Form-PCY1115.pdf - **Dok NX 2**

*Citadel Insurance plc – Boat Proposal Form (Page 3)*

https://www.citadelplc.com/loadfile/98b2e01b-5e7f-49b9-af07-bf45c275af32 - **Dok NX 3**

Dawn il-*Proposal Forms* huma hafna aktar *customer friendly* u fihom wiehed isib domanda specifika fuq '*past criminal offence or conviction'.*

6. Illi *di più,* il-mili ta' *proposal form* gdida li qed tintuza mill-ilmentatur bhala r-raguni biex tinnega l-hlas, fil-verità, lanqas kien hemm htiega li ssir peress li l-assikurazzjoni *de quo* kienet fil-fatt ilha fis-sehh taht l-istess *syndicate* sa minn snin qabel u, fil-fatt, saret *proposal* gdida biss minhabba bdil lokali fil-*portfolios*.

7. Illi, fl-ahhar nett, ir-ragjonevolezza f'dan il-kaz ghandha timmilita favur it-tezi tal-ilmentatur u kwindi ghandu jkun hemm kundanna ghall-hlas.

Ghaldaqstant, l-ilmentatur jitlob bir-rispett illi dan l-istess Arbitru, wara li jisma' l-provi kollha u jara s-sottomissjonijiet talvolta mressqa:

(1) JIDDIKJARA illi l-provditur tas-servizz ma kellu ebda dritt jiddeklina t-talba tal-ilmentatur ghar-rizarciment taht il-polza u ma kellu ebda dritt iqis il-polza bhala *nulla ab initio* u kif ukoll illi c-cahda min-naha tal-assikurazzjoni illi thallas lill-ilmentatur taht il-polza *de quo* hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt

(2) JIDDIKJARA lill-provditur tas-servizz huwa tenut ihallas lill-ilmentatur id-danni kollha sofferti minnu u dana taht l-istess polza sudetta.

(3) JORDNA lill-provditur tas-servizz ihallas lill-ilmentatur is-somma ta' tlieta u sebghin elf, erba' mija u hamsa u sebghin Ewro (Eur 73,475) jew somma ohra verjuri rapprezentanti s-*sum insured* tad-dghajsa *più* s-somma ta' Eur 2277 *ossia* r-renta ta' fejn qed tinzamm id-dghajsa storjata (stima annessa Dok O) u b'riserva ghal ammonti ulterjuri rapprezentanti danni sofferti mill-ilmentatur u ghal liema danni l-istess provditur tas-servizz kien tenut jaghmel tajjeb favur l-ilmentatur taht l-istess polza.

(4) JAGHTI dawk l-ordnijiet, johrog dawk l-atti u jaghti dawk id-direttivi li jqis xierqa sabiex iwettaq, jew jizgura t-twettiq tad-drittijiet tal-ilmentatur taht il-polza sudetta u dan billi, fost affarijiet ohra, jordna lill-provditur tas-

servizz ihallas lill-ilmentatur is-somma mitluba bhala rizarciment taht il-polza *de quo* u dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li dan l-Arbitru jidhirlu xierqa u opportuni.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn issottometta**:

**A. Eccezzjonijiet Preliminarji**

**1. Nuqqas ta' Gurisdizzjoni**

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet li gejjin, il-polza ta' assikurazzjoni numru 4281-PCC-001 hija koperta b'***exclusive jurisdiction clause*** li fi klawsola D9 tal-'*MIB Insurance Agency Yacht and Motor Boat Insurance Policy*' tindika lill-Qrati Maltin bhala l-unika Qorti kompetenti sabiex tisma' talbiet maghmula taht il-polza mahruga minn MIB lill-assikurat. Kopja tal-polza hawn annessa u mmarkata bhala **Dok AF1.**

Din il-polza specifikament tipprovdi li l-foro kompententi sabiex jisimghu kwalsiasi vertenza bejnhom u l-assikurat taht il-polza huma l-Qrati Civili ta' Malta. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' frodi, jew zball, ghandu japplika l-principju *pacta sunt servanda.*

Klawsola li tispecifika gurisdizzjoni **esklussiva** turi l-intenzjoni tal-partijiet li jaghzlu l-Qrati Civili f'kull istanza u minghajr eccezzjonijiet, minkejja kull tibdil fil-ligi jew cirkostanzi li setghet issir.

Lanqas ma jista' jinghad li t-termini u kundizzjonijiet tal-polza kienu imposti fuq ir-rikorrent unilateralment jew minghajr il-konoxxenza tieghu ghaliex it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza kienu gew indikati fil-*proposal form* li r-rikorrent kien iffirma fit-22 ta' Gunju 2014.

Dan il-Bord ghandu l-kompetenza sabiex jisma' lmenti (*complaint*) fir-rigward tal-**imgiba u agir** ta' provditur tas-servizz finanzjarju u mhux dwar '*claim*' taht polza tal-assikurazzjoni. L-intenzjoni tal-legislatur kienet cara meta tkellem dwar kumpens li '*jinghata* ***biss*** *fejn ikun hemm prattici hziena u mhux ghax tkun tlift il-flus.*'[2] Bl-akbar rispett, u fl-umli fehma tas-socjetà intimata, dan ifisser li l-

[2] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati Seduta Nru 295, it-Tnejn, 20 ta' Lulju 2015. Ara diskors fil-Parlament: Onor. Helena Dalli: *'Hemm bzonn li jkun hemm edukazzjoni fuq dan is-settur u jkun hemm taghrif biex il-konsumaturi ma jehdux decizjonijiet fl-ghama u minghajr informazzjoni fuq dak li jkunu ser jaghmlu … Rajna dan fejn l-ambizzjoni u l-kilba zejda ta' xi investituri irresponsabbli wasslet biex uhud tilfu dak li stinkaw ghalih tul ghomorhom … Kif semmejt digà, kien minhabba dawn il-ftit nies irresponsabbli li mbaghad kien hemm min tilef*

kompetenza li ghandu l-Arbitru hija precizament sabiex jisma' ilmenti dwar l-agir jew l-imgiba skorretta u/jew irregolari tal-provditur tas-servizz finanzjarju.

Kif qalet l-Onorevoli Kirsty Debono fid-diskors taghha fil-Parlament

*'Fir-realtà, l-Arbitru ser ikun qed jiggudika fuq il-fatti ta' jekk prodott inbieghx kif suppost. Jekk prodott inghatax it-taghrif kollu mehtieg dwaru. Jekk humiex spjegati r-riskji kollha relatati mal-prodott u jekk il-klijent inghatax dak li finalment kien imwieghed jew li gie spjegat li ser jinghata.'*

Il-validità jew *meno* ta' polza ta' assikurazzjoni minhabba dikjarazzjonijiet foloz, '*non-disclosure of a material fact*' u *breach of warranty,* jaqghu taht il-kompetenza esklussiva tal-Qrati Civili ta' Malta kif specifikat fil-polza.

*In visto* tal-fatt li l-problema li nqalghet hija wahda li tirrigwarda n-nullità tal-polza abbazi tal-fatt li kien hemm *non-disclosure of a material fact* u ksur tal-*warranty,* kif ser jigu spjegati aktar 'l isfel, jekk kien hemm (li qed jigi michud) xi falliment fl-agir ta' MIB li timmerita decizjoni tal-Arbitru, qed jigi ssuggerit li decizjoni dwar falliment fl-agir ta' MIB ghandha ssir separatament minn decizjoni fuq il-mertu dwar il-validità *o meno* ta' polza ta' assikurazzjoni. Dan tal-ahhar ghandu jsir biss quddiem il-Qorti Civili ta' Malta, hekk kif inhu dettat fil-polza bejn il-partijiet.

## 2. Medjazzjoni

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-procedura tal-istess Arbitru ma gietx rispettata stante li r-rikorrenti ma fetahx l-ilment bil-proceduri tal-medjazzjoni hekk kif inhu obbligat taht Artikolu 24 tal-Kap. 555. Ghalhekk, jekk fil-fehma tal-Arbitru, u minkejja dak kollu li inghad hawn fuq, jinghad illi ghandu gurisdizzjoni sabiex jisma' dawn it-talbiet fuq il-mertu dwar il-validità tal-polza, l-Arbitru ghandu jiskarta ghal kollox il-proceduri odjerni bhala intempestivi u jordna l-ftuh ta' medjazzjoni in konformi mal-ligijiet taht Kap. 555.

---

*il-fiducja f'min jinvesti flusu fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. In-nies bdew jibzghu jinvestu u ppreferew li jhallu flushom reqdin ghax ma ridux jiehdu riskji li jigrilhom bhalma gralhom nies ohrajn. Ghalhekk weghedna u qed inwettqu t-twaqqif tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji … Ghaldaqstant ahna qeghdin hawnhekk nitkellmu fuq kwistjoni ta' gustizzja, fejn inti tkun investejt flusek, ma hadx lura dak li investejt u allura saret ingustizzja mieghek … Bhalma konsumatur jaghmel ilment fuq servizz li ma jkunx ta' livell mistenni, jew prodott li ma jkunx kif deskritt, anke fil-qasam tal-investimenti finanzjarji, il-konsumatur ser ikollu awtorità adegwata sabiex tipprotegi u tissalvagwardja d-drittijiet tieghu.'*

## B. Kwistjonijiet fuq il-Mertu

Minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess fir-rigward l-eccezzjonijiet preliminarji, l-esponenti tghaddi issa biex tirrileva s-segwenti dwar il-mertu tal-ilment imressaq:

Ir-rikorrent kien assikurat mas-socjetà intimata taht polza ta' assikurazzjoni numru 4281-PCC-001 liema polza kienet mahruga in konnessjoni mad-dghajsa bl-isem '*Hui Jen'*.

Fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Novembru 2015, id-dghajsa '*Hui Jen*', kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel.

Wara rapport li sar mir-rikorrenti, filwaqt li s-socjetà intimata rrikonoxxiet li rceviet il-*claim*, immedjatament informat lill-istess rikorrenti illi kellu jagixxi bhala '*prudent* ***uninsured'***. Dan kien spjegat fl-*email* mibghuta tal-4 ta' Novembru 2015 minn Josef Galea, fl-ittra tas-17 ta' Frar 2016, u fl-ittra legali tal-25 t'April 2016. Dan inghad minhabba l-fatt li s-socjetà intimata kellha tinvestiga jekk il-*claim* kinitx koperta taht il-polza tal-assikurazzjoni surriferita.

Permezz ta' ittra datata 25 t'April 2016, is- socjetà intimata ddeterminat illi l-*claim* tar-rikorrenti ma kinitx koperta taht il-polza tal-assikurazzjoni, liema polza kellha tigi ddikjarata bhala *null and void ab initio*, u dan ghar-ragunijiet li kien hemm *non-disclosure of a material fact*, kif ukoll *breach of warranty.*

### 1. Dikjarazzjoni Falza u '*non-disclosure*' dwar Fatt Materjali

Wara l-investigazzjoni li saret mis-socjetà intimata gie skopert li r-rikorrent kien ghamel dikjarazzjoni falza meta ffirma l-*proposal form* ma' *MIB Insurance Agency Ltd.* Fil-*proposal form*, l-assikurat kien qed jintalab jiddikjara jekk hu kienx qatt instab hati ta' reat li b'xi mod kien relatat ma' att dizonest. Il-kliem precizi uzati fil-*proposal form* kienu s-segwenti: '*No insured/skipper has ever been charged with or convicted for an offence involving dishonesty of any kind*'. **Bil-firma tieghu, l-assikurat ikkonferma li dan kien minnu.**

Sussegwentement, is-socjetà intimata giet infurmata illi permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Gudikatura Kriminali, li inghatat fis-16 ta'

Gunju tas-sena 2008, u cioè, <u>hames snin</u> qabel ma ffirma l-polza surriferita, ir-rikorrent kien instab hati talli:

'*sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ... f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz'*;

talli *'wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra ... li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi nfluwenza mhux xieraq fuq il-mod kif jiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor ai terminu ta' Artikolu 121A (1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta'*;

u talli *'xjentement jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partikolarità sostanzjali f'xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir bl-Att jew taht Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, ai termini tal-artikolu 76 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

**Fi kliem iehor, ir-rikorrent gie akkuzat u <u>instab hati</u> talli xahham ufficjal tal-Awtorità Marittima** (illum *Transport Malta*) sabiex jinghata licenzja nawtika minghajr ma jaghmel il-kors relevanti. Huwa gie ikkundannat ihallas multa ta' elfejn euro u gie ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' zmien sena, sospiz ghal zmien sentejn. Ukoll, ir-rikorrent gie skwalifikat milli jottjeni licenzja nawtika ghal zmien sena.

Din is-sejba ta' htija mhix frivola daqskemm jixtieq ipingiha r-rikorrent. Din is-sentenza turi atteggjament recenti dizonest *da parti* tar-rikorrent, li b'mod frawdolenti u dizonest, kiseb gwadann f'forma ta' dokument ufficjali minn awtorità pubblika, li ma kienx intitolat ghalih. Pedina kriminali hija riflessjoni u indikazzjoni ta' karattru li, abbazi taghha, l-assikuratur ghandu dritt jifforma opinjoni tieghu qabel ma jiddeciedi jekk ghandux jidhol go riskju taht kuntratt ta' assikurazzjoni.

M'hemmx dubju illi l-*proposal form* tifforma l-bazi ta' assikurazzjoni, u kwindi dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija kkunsidrata bhala dikjarazzjoni

falza fil-polza.[3] Ghalhekk il-polza ta' assikurazzjoni hija wahda bbazata fuq il-principju ta' *uberrimae fidei,* l-onestà assoluta bejn il-partijiet.

Dan il-principju jinstab taht il-ligijiet nostrana, u cioè, Artikolu 385 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jinghad illi

'*Kull habi jew dikjarazzjoni falza mill-assikurat jaghmlu null il-kuntratt ta' assikurazzjoni, jekk il-habi, id-dikjarazzjoni falza jew id-differenza jkunu tali li jnaqqsu l-idea tar-riskju jew li jbiddlu l-oggett tieghu.*

*(2) L-assikurazzjoni hija nulla ghad li l-habi, id-dikjarazzjoni falza jew id-differenza ma kellhomx effett fuq il-hsara jew fuq it-telf tal-hwejjeg assikurati.'*

Il-ligi nostrana tal-assikurazzjoni hija bbazata fuq il-Ligi Komuni fejn jinghad illi

'*A contract of marine insurance is a contract based upon the **utmost good faith***'.[4]

Fil-ktieb tieghu, Park jghid is-segwenti:

*'Insurance is a contract of speculation. The facts upon which the risk is to be computed, lie, for the most part, within the knowledge of the assured only. The underwriter must therefore rely upon him for all necessary information; and must trust to him that he will conceal nothing, so as to make him form a wrong estimate. If a mistake happens, without any fraudulent intention, still the contract is annulled, because the risk is not the same which the underwriter intended. Good faith forbids either party by concealing what he privately knows to draw the other into a bargain from his ignorance of the fact and his belief to the contrary.'*[5]

Fil-kawza ben citata, *Rozanes vs Bowen, 1928,* il-Qorti Ingliza osservat illi:

'*It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to ensure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters without*

[3] *Vide Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe,* App Kum 31/01/1952; *Joseph Micallef noe vs Roman Vella,* PA 06/04/1973; *Joseph Muscat vs Joseph Gasan et noe*, App 06/10/1999 u *Salvu Briffa vs Walter Camilleri noe,* App 09/02/2001) u *Alfred u Vincenza Parnis vs Stephen Fava et,* Citaz. Numru 1639/94DS, Prim Awla, Qorti Civili, Onor Imhallef David Scicluna 26 Ottubru 2001. P 9

[4] *Marine Insurance Act 1906 section 17*

[5] *E.R. Hardy Ivamy, 'Marine Insurance' Fourth Edition. Butterworths Insurance Libaray (1985)* P 39

*being asked, of all the material circumstances. That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith.'*

Fil-kawza *Greenhill vs Federal Insurance Co Ltd, 1927,* rega' ntqal:

*'Now, insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that the position should be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstacnes of the voyage to be insured. The assured knows a great deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he has not taken as knowing, so that the contract may be entered with an equal footing.'*

Fil-kawza fl-ismijiet *Citadel Insurance plc vs Carlos Falzon,* l-Onorevoli Imhallef Mark Chetcuti qal:

*'In tema legali "Huwa principju guridiku fundamentali li l-kuntratt ta' assikurazzjoni ghandu jkun regolat bil-massima bona fede, u dan mhux biss fil-kors tal-ezekuzzjoni tieghu, imma wkoll fit-trattattivi sakemm jigi konkuz u l-polza mahruga" (Adriano Cassar Galea noe vs Paul Cuschieri, App Civ 31/07/1996).'*

Fil-kawza *Lloyds (Malta) limited vs Christopher Bartolo (PA 08/10/2004),* il-Qorti qalet:

*'The contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberrimae fidae, taht is of utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information which is material' (John Birds Modern Insurance Law 1977 p. 100). Fil-kawza "Carter vs Boehm" Lord Mansfield jiddikjara "good faith forbids either party, by concealing what he privately knows, to draw the other into a bargain from his ignorance of that fact and his belief in the contrary ... The reason of the rule which obliges parties to disclose is to prevent fraud and to encourage good faith. It is adapted to such facts as vary the nature of the contract which one privately knows and the other is ignorant of and has no reason to suspect.'*

Fil-kawza *Degiorgio vs Agius*,[6] intqal li:

[6] Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju, 1962 (Vol XLVI.II.656)

*'il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu meqjus bhala wiehed tal-aqwa bona fede, u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms;* ***anzi hu generalment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li hu relevanti ghall-assikuratur li jkun jaf, u dan anke jekk ma jkunx mistoqsi****.'*[7]

Fil-fatt, kif qalet il-Qorti Ingliza fil-kawza *Arterial Carowners Ltd vs. Yorkshire Insurance Co.* fl-1973 *(per Chapman J), 'the primary obligation was one of disclosure on the part of the insured, not of enquiry on the insurer.'*

L-obbligu li l-assikurat li jiddikjara kull fatt relevanti ghandu jinftiehem b'dan il-mod:

*'A fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgement of a reasonable and prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge' (*ara *Bird Modern Insurance Law, 4th Ed. Page 107* u s-sentenza *Carter s Boehm).*

*'Reasonable insurer test. Everything is material which will guide a reasonable insurer to determining whether he will take the risk and, if so, at what premium and on what conditions' (March Cabaret Club and Casino Ltd vs Thomson and Bryant Ltd (1975).'*

Dan huwa rifless fil-gurisprudenza Maltija fejn fil-kawza *Camilleri noe vs Bartolo,* deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Marzu 1982, polza ta' assikurazzjoni giet invalidata meta rrizulta li l-assikurat ma kienx informa lill-kumpanija assikuratrici li kien ghamel *claims* ohra qabel ma avvicina l-assikurazzjoni. Gie ribadit il-principju li kull fatt materjali ghandu jigi indikat, u fatt materjali gie deskritt bhala *'fatt ta' xorta tali li jinfluwenza d-decizjoni ta' assikuratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju.'*

Certament mhuwiex ghall-assikurat li jiddeciedi x'jikkwalifika bhala fatt materjali li jista' jinfluwenza d-decizjoni tal-assikuratur prudenti. L-obbligi assikurati huma cari.

[7] *Vide* ukoll *Muscat vs Gasan Insurance Agency Limited*, deciza fit-2 ta' Marzu 1998

*'His duty is to disclose the facts and their source, and to leave the underwriter to form his own opinion as to the correctness of the report, and its effect on the proposed contract.'*[8]

**<u>Il-fatt li l-polza tirrikjedi kjarament u minghajr ebda kliem tqil f'sezzjoni 11 punt 6 li '*No insured/skipper has ever been charged with or convicted for an offence involving dishonesty of any kind*' taghmilha cara li ghas-socjetà assikuratrici, dan kien fatt materjali li kien kapaci jinfluwenza d-decizjoni taghha biex taccetta r-riskju jew le.</u>**

Tant kemm l-element ta' onestà fl-assikurat huwa kkunsidrat bhala fatt materjali illi dan l-aspett jissemma darbtejn fil-*proposal form*, fejn tidher ghall-ewwel darba fl-ewwel paragrafu tal-istess:

'***<u>Important</u>***

*The Statement of Facts is a record of the information which you gave us and on which your policy is based*. ***It is also based on the fact that neither you nor any person who to your knowledge would ever skipper the vessel has been convicted of or faces charges in respect of arson, damage to property or dishonesty of any kind, e.g., fraud, theft or handling of stolen goods. Please check the facts BEFORE signing this Statement of Facts.'***

Ghalhekk hija cara u ragonevoli li s-socjetà assikuratrici kienet ser tikkunsidra klijent interessat f''*Yacht and Motor Boat Insurance Policy*', li kien instab hati ta' dizonestà marbuta mas-settur marittimu, bhala klijent '*high risk*' li jimmerita trattament specjali u, ghalhekk, id-decizjoni tal-assikurat li jigdeb u jaghmel dikjarazzjoni falza trid titqies bhala dikjarazzjoni falza fuq fatt materjali li tannulla l-polza tal-assikurazzjoni *ab initio.*

Hija xi haga assurda li r-rikorrenti jghid li l-kundanna kriminali tieghu ma tikkwalifikax bhala 'att ta' dizonestà', dan meta fis-sentenza stess jinghad '... *l-iffirmar tal-ircevuta sabiex jottjeni l-licenzja nawtika, pogga lill-imputat fi stat illegali peress illi b'tali dokumenti huwa kien qed jippresta ruhu bhala persuna awtorizzata sabiex tircievi licenzja nawtika, mentri fil-fatt ma kienx*'. Jekk din mhix att ta' dizonestà, x'inhi?

---

[8] *Ibid*. P. 40

Il-fatt li passat kriminali huwa intiz bhala fatt materjali gie ikkonfermat diversi drabi mill-Qrati Maltin fejn il-Qorti qalet li

*'Din il-Qorti tqis gustifikata t-tezi attrici kif xehdet l-istess Philippa Taylor East, illi kieku l-assikurazzjoni kienet taf bil-passat kriminali tal-konvenut kienet tibqa' lura milli tassikurah jew altrimenti kienet tkun f'kundizzjoni li taghzel li tassikurah b'ottemperament fl-ammont ta' premium li kienet titlob biex tkopri r-riskju li setghet tidhol ghalih.*

...

*Din il-Qorti tqis illi tali qerq kien fatt materjali serju li jimpingi direttament fuq id-diskrezzjoni ragonata tal-assikurazzjoni li tahsibha sew tassikurax jew le lill-konvenut. Din id-diskrezzjoni tnehhiet minn idejn l-assikurazzjoni bid-dikjarazzjoni falza tieghu ... Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-konvenut naqas serjament mill-obbligi ta' buona fede fuq fatt sostanzjali u materjali u l-poloz ta' assikurazzjoni ghandhom jitqiesu bhala nulli.'*[9]

L-istess intqal fis-sentenza fl-ismijiet *Renald Formston et vs Victoria Insurance Agency Ltd et.*

*'Illi kien biss wara li saret il-"claim" in kwistjoni li s-socjetà konvenuta Citadel Insurance saret taf bil-fedina penali tal-atturi, wara li hija stess ghamlet ir-ricerki necessarji, wara li qieset ic-cirkostanzi tal-istess claim" bhala suspettuzi.*

*Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju illi l-attur Anthony Formston kiser l-obbligu ta' "uberrimae fidei" meta fil-proposal form ghamel dikjarazzjoni falza illi ma kinitx tirrispekkja l-verità.'*[10]

Lanqas ma jreggi l-argument tar-rikorrent li klijent iehor b'kundanna kriminali simili baqa' kopert taht il-polza ta' assikurazzjoni mas-socjetà intimata. Minbarra l-fatt li l-fatti, r-relazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-poloz huma differenti, il-fatt jibqa' li l-klijent l-iehor wera onestà u fedeltà lejn il-kuntratt u r-relazzjoni tieghu mal-assikuratur meta, **minn jeddu,** informa lis-socjetà assikuratrici bil-kundanna kriminali tieghu, halli hi setghet taghmel l-evalwazzjoni taghha b'konoxxenza

---

[9] *Citadel v Falzon*, Rlk Gur: 515/2016MC. *Vide ukoll Middlesea Insurance p.l.c. v Emmanuel Ciantar et*, Cit. Nru. 1120/2010MC u *SMS Insurance Agency Limited et v Marco Attard*, Cit. Nru. 808/2004, Prim'Awla Qorti Civili, 6 Marzu 2006

[10] *Renald Formston et vs Victoria Insurance Agency Ltd et.*, Cit. 202/2003, Prim'Awla Qorti Civili, Onor. Imhallef Abigail Lofaro, 18 Frar 2009

kompluta. L-istess ma jistax jinghad mir-rikorrent li ffirma dikjarazzjoni falza biex jizgwida l-assikuratur fid-determinazzjoni tieghu.

Oltre minn hekk, l-atteggjament taz-zewg persuni involuti fir-reati kienu ghal kollox differenti, fejn il-persuna l-ohra kienet iddikjarat il-htija taghha mal-pulizija mill-ewwel, filwaqt li r-rikorrent gie deskrivut bhala '*arroganti b'arja ta' superjorità'.*

Bl-akbar rispett lejn il-kollega, il-fatt li r-rikorrent stqarr illi ma meliex il-formola tal-polza hu nnifsu imma din saret fuq it-*telephone* minn impjegat tas-socjetà assikuratrici mhix relevanti, anke kieku kienet vera, li mhijiex. Jinghad illi l-*proposal form* imtliet quddiem ir-rikorrent fl-ufficcju tas-socjetà intimata, fejn id-domandi inqraw lilu *viva voce* u, eventwalment, anke bix-xhieda tieghu stess, ir-rikorrent inifsu ffirma l-polza bhala konferma tal-kontenut taghha. Dawn il-fatti huma kkonfermati permezz ta' *witness statement* tas-Sur Malcolm Ellul, impjegat tas-socjetà intimata, hawn annessa u mmarkata bhala DOK AF 2.

Anke kieku vera li l-polza ma nqratlux, haga li s-socjetà intimata tirribatti bil-qawwa kollha, l-Imhallef Lino Farrugia Sacco kien ferm meta qal:

*'Illi ghalxejn jigi nsinwat li d-domandi setghu ma sarux lill-assikurat, ghax dan kien fid-dmir jaghti informazzjoni kollha mehtiega qabel jiffirma l-polza.'*[11]

Oltre minn hekk, ir-rikorrent iffirma karta ohra fejn jiddikjara li inghata kopja tal-*proposal form* kompluta u fejn rega' kkonferma l-kontenut taghha. Kopja hawn annessa u mmarkata bhala DOK AF 3.

Jinghad li huwa l-obbligu ta' kull min jiffirma karta bl-implikazzjonijiet legali, li jaqraha, u dan ghaliex il-polza tissaffa bhala kuntratt bejn il-partijiet. Jekk ir-rikorrent vera ma qarax din il-polza, dan huwa nuqqas tieghu li abbazi taghha, s-socjetà assikuratrici ma messhiex tigi ppenalizzata.

Din il-pozizzjoni giet ikkonfermata mill-Imhallef David Scicluna li qal is-segwenti:

[11] *SMS Insurance Agency Limited et vs Marco Attard*, Cit. Nru. 808/2004, Prim'Awla Qorti Civili, 6 Marzu 2006

*'Fuq kollox, jekk l-attur ma giex mistoqsi d-domandi, ma messux qabad u ffirma l-polza. Kien dmir tieghu li, qabel ma jiffirma, jaqra sew dak li kien ser jiffirma, u jekk m'ghamilx hekk, irid ibati l-konsegwenzi tan-negligenza tieghu.'*[12]

Fl-umli fehma tas-socjetà intimata, u hekk kif intqal fil-kawza *Alfred u Vincenza Parnis vs Stephen Fava et* quddiem il-Qorti Civili, '*huwa ovvju li l-agir tal-assikurat f'dan il-kaz jekwivali ghall-ingann u, per konsegwenza, induca lill-assikuratur fi zball li, anke taht principju tradizzjonali, jivvizzjaw il-kunsens, li jaghti lok ghall-annullament tal-kuntratt (ara 'Zammit vs Formosa', deciza minn din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Mejju 1994).'*

2. **Ksur ta' *Warranty* Espressa**

Il-polza hija nulla, ukoll u separatament, stante li r-rikorrent kiser *warranty* espressa taht Klawsola D2 tal-Polza fejn intqal li:

*'It is further warranted that the vessel shall not be used as a residence or a boathouse'*.

Dan jinghad ghax il-kaptan YYY kien qed jghix fuq id-dghajsa. Dan il-fatt gie rregistrat ghall-ewwel darba fis-*survey* ta' *Oceanus Marine Ltd* datat 16 Novembru 2015, u anness aktar 'l isfel bhala DOK AF 5, fejn intqal:

'***On another occasion during a survey his crew member (an Italian) or friend who according to the owner was living on board –*** *stated that when the wind is from the Gregale, the boat starts taking in water ...'*

Dan il-fatt rega' gie ddikjarat mill-avukat difensur tar-rikorrent stess, l-Avukat Charlon Gouder, fl-ittra tieghu mibghuta lis-socjetà intimata fil-11 ta' Marzu 2016 fejn qal:

'*I have been informed* that ***Mr YYY is the Captain and the person taking care/living on the boat for the past three years preceding the 3 November 2015.*** ' Kopja ta' din l-ittra hawn annessa bhala DOK AF 4.

Il-ligi Ingliza tghid li:

---

[12] *Alfred u Vincenza Parnis vs Stephen Fava et,* Cit. Nru. 1639/94DS, Prim'Awla Qorti Civili, Onor Imhallef David Scicluna 26 Ottubru 2001.

*'An insurer has no liability under a contract of insurance in respect of any loss occurring or attributable to something happening, after a warranty (express or implied) in the contract has been breached but before the breach has been remedied.'*[13]

L-effett ta' ksur ta' *warranty* espressa hu li jinvalida l-polza minn dak il-mument li l-ksur sar, u jillibera lill-assikuratur milli jhallas ghal kwalunkwe danni li saru wara tali ksur, anke jekk il-ksur ma kellux konnessjoni mat-talba taht il-polza. Ghalhekk, jekk skont l-ittra tal-avukat Charlon Gouder, il-Kaptan YYY kien ilu jghix fuq id-dghajsa ghal tliet snin, il-polza giet annullata minn dakinhar li sar il-ksur.

3. **Nuqqas ta' responsabbiltà tal-Assikuratur minhabba Negligenza**

Anke kieku l-polza ma gietx invalidata *ab initio* minhabba n-*non-disclosure of a material fact,* kif spjegat f'paragrafu 1 hawn fuq; anke kieku r-rikorrent ma kisirx *warranty* espressa, hekk kif inhu spjegat f'paragrafu 2; is-socjetà intimata tissottometti li **l-kagun tal-gharqa tad-dghajsa huwa espressament eskluz mill-polza *ai termini* ta' Klawsola A14(1) u A14 (3) u, ghalhekk, is-socjetà assikuratrici m'ghandha taghmel l-ebda hlas taht il-polza.**

'***A14 Exclusions:***

*There is no cover under this insurance for loss, damage, liability or expense arising:-*

1. *Out of any act or event occurring with the consent or prior knowledge of the Insured, or arising out of unseaworthiness resulting from any act or omission of the Insured.*

   ...

3. *Directly or indirectly as a result of faulty or improper design, construction, maintenance or repair work.'*

Skont ir-rapport ta' *Oceanus Marine Ltd,* anness bhala Dok AF 5, intqal:

[13] *Insurance Act 2015 Section 10*

'*Cause leading to foundering – **The toilet at some time prior the sinking was removed for repair**. The discharge valve was found partially open and the hose connected to was found lying on the flooring under several items/accessories.*

*Therefore it is quite evident that the source of ingress of water was the discharge valve.*

*At a later date when it was planned to effect a test on the overboard valve integrity, the valve was found to be closed, and the hose again covered by a lot of items and accessories. The test was carried out with the valve closed (as found) and still water passed thorugh – meaning that even if the valve was closed the water from the external hull "fitting" which was underwater would seep water in the inner hull (with the toilet removed and hose as found) leading to the boat to sink in a very short time.*

...

*Ninth survey: As one can see from the attached, the toilet is not present and the discharge valve + hose still connected. The discharge valve is ¼ open, in fact, jammed open. The hose is lying in the bilge in the toilet cabinet. The discharge valve is situated well under the water line. Even if the pipe has a small loop above the waterline, if the boat was rolling and pitching when it was in the water, the water would have siphoned and water would easily flow freely in the cabinet.*

*Whoever took off the toilet did not try to close the valve OR at least blank the end of the hose OR lift up the hose high and tie it up high.*

...

*Tenth Survey: Test on toilet discharge valve was carried out. We found the discharge valve in a closed position and not like in the photo that I sent to you (see attached above). Test was affected with the valve in the position that we found it today – water still passed through (see video).*

*We now can confirm without any doubts that the ingress of water came from the toilet discharge valve and hose.'*

Illi ghalhekk hija cara li l-hsara saret minhabba n-negligenza u/jew imprudenza fix-xoghol li sar waqt manteniment meta tnehha t-*toilet* mill-kamra tal-banju minghajr ma inghalqu d-*discharge valves,* hekk kif inhu spjegat aktar 'il fuq, u

dan l-avveniment seta' jigi osservat b'mod car mill-assikurat li ma ghamel xejn sabiex jaghlaq id-*discharge valve* miftuha sabiex ma jidholx ilma.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet premessi, is-socjetà intimata titlob lill-Arbitru tghidilha ghalfejn m'ghandux:

1. Jiddikjara li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni li jisma' l-kawza akkont tal-***exclusive*** *jurisdiction clause* li fi klawsola D9 tal-'*MIB Insurance Agency Yacht and Motor Boat Insurance Policy'* tindika lill-Qrati Maltin bhala l-uniku Qorti kompetenti sabiex tisma' talba taht il-polza.

2. F'kaz li l-Arbitru jsib li ghandu kompetenza jisma' l-kawza odjerna, jordna li l-proceduri quddiemu huma intempestivi u ghandhom jigu annullati stante li r-rikorrent ma fetahx proceduri tal-medjazzjoni hekk kif inhu obbligat taht Artiklu 24.

3. F'kaz li l-Arbitru jsib li ghandu kompetenza jisma' l-kawza, jiddikjara li d-domandi attrici huma **infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez** u dan in vista tal-fatt li

   a) L-allegat kuntratt ta' assikurazzjoni bejn il-partijiet huwa ***null ab initio*** u dan minhabba l-fatt li

      i) Ir-rikorrent kiser l-obbligu ta' *uberrimae fidei;*

      ii) Ir-rikorrent **xjentement ghamel dikjarazzjoni falza** meta ffirma l-*proposal form*;

      iii) Ir-rikorrent naqas serjament milli jizvela fatt materjali li kien jaf bih u

   b) Is-socjetà assikuratrici m'ghandhiex thallas l-ammont pretiz mir-rikorrent ghaliex kiser kundizzjoni espressa taht klawsola D2 tal-polza meta halla lill-Kaptan YYY jghix fuq id-dghajsa.

   c) Il-kawza tal-gharqa hija espressament eskluza mill-polza *ai termini* ta' klawsola A 14(1) u (3).

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz inkluz ir-rapport tal-Ing. Paul Cardona.**

**Jikkonsidra**

**Preliminari**

Qabel xejn, l-Arbitru jinnota li dan il-kaz ha ftit zmien aktar mis-soltu biex jigi deciz ghaliex sfortunatament il-perit tekniku ghamel zmien twil marid u ma setax jipprezenta r-rapport. Peress li f'dan il-qasam l-esperti huma xi ftit limitati, l-Arbitru ma kellux wisq ghazla hlief li jistenna r-rapport peritali li gieipprezentat fis-6 ta' Jannar 2022, u l-ahhar nota ta' sottomissjonijiet dahlet fl-Ufficcju tal-Arbitru fl-14 ta' Marzu 2022.

***Eccezzjonijiet preliminari***

*Eccezzjoni dwar gurisdizzjoni*

Il-provditur tas-servizz jghid li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni jiddeciedi l-kaz ghaliex il-polza tghid li l-Qrati Maltin kellhom gurisdizzjoni esklussiva jiddeciedu l-kaz.

L-Arbitru jinnota li l-polza in kwistjoni ghandha '**l-*effective date'*** taghha bid-data tal-24 ta' Gunju 2015.

Fuq din il-kwistjoni dwar gurisdizzjoni l-Arbitru digà kellu okkazjonijiet ohra fejn irritena li l-legizlatur kien holoq l-Ufficcju tal-Arbitru proprju biex il-konsumatur ikollu forum aktar semplici u specjalizzat u mhux bilfors ikollu jmur il-Qorti. L-Arbitru ghandu gurisdizzjoni konkorrenti mal-Qrati Maltin u, wara April tal-2016, konsumatur ta' servizz finanzjarju inghata d-dritt b'mod esplicitu mill-legizlatur li juza dan il-forum. Fl-2015, meta nharget din il-polza, l-Ufficcju tal-Arbitru kien ghadu ma nholoqx u, ghalhekk, l-uniku post li kien hemm ghad-dispozizzjoni tal-kontraenti tal-polza kien il-Qorti. Meta l-legizlatur ghazel li johloq l-Ufficcju tal-Arbitru mar lura sal-2004 biex il-kondotta ta' provditur tas-servizz li sehhet minn dik id-data 'l quddiem setghet tigi sindikata mill-Arbitru.

Apparti dan, l-Arbitru jinnota li l-kliem tal-polza: *'This insurance shall be subject to the exclusive jurisdiction of the Maltese Courts'* hi normalment uzata biex tikkwalifika li kaz dwar l-assikurazzjoni jista' jittiehed biss fi Qrati Maltin

b'eskluzjoni ta' Qrati barranin. Dan anke gie innutat mill-Qorti tal-Appell,[14] fejn f'kaz fejn tqajjmet din l-eccezzjoni, qalet hekk:

*'il-kuntratt li ffirmaw il-partijiet hu tat-tip standard form fejn il-konsumatur ikun f'pozizzjoni ta' take it or leave it ghaliex ma jkollux bargaining power. Ghall-qorti meta fil-11 t'April il-partijiet iffirmaw il-kuntratt, klawsola 17 ma kinetx taghmel sens meta tqis li:*

*i. Fil-ftehim li sar ma kienx hemm xi element internazzjonali bejn il-partijiet. Choice of jurisdiction clause normalment issir sabiex kwistjoni tinqata' minn qorti ta' pajjiz maghzul u mhux minn qorti f'pajjiz iehor;*

*ii. Fi zmien li kien iffirmat il-kuntratt, il-qrati kienu l-uniku post fejn parti setghet tfittex ghal rimedju kontra l-parti l-ohra minghajr htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra. F'dak iz-zmien, l-Att dwar l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ma kienx ligi … Ghalhekk zgur li f'dak iz-zmien il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskludu r-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur, galadarba kien rimedju li ma jezistix …'*

L-Arbitru jaghmel tieghu dan ir-ragunar tal-Qorti tal-Appell u jiddeciedi li ghandu gurisdizzjoni li jiddeciedi dan il-kaz.

*Eccezzjoni dwar 'medjazzjoni'*

Il-provditur tas-servizz jghid ukoll li ma gietx osservata '*l-procedura tal-istess Arbitru*' ghaliex ma fetahx procedura ghall-medjazzjoni kif obbligat taht l-Artiklu 24 tal-Kapitlu 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Arbitru hu tal-fehma li l-Kapitlu 555 tal-Ligijiet ta' Malta ma jitfax il-piz fuq l-ilmentatur ghall-istadju ta' medjazzjoni. L-unika haga li ghandu jaghmel ilmentatur hu li jaghmel ilment skont kif jipprovdi l-Artiklu 22(1) tal-Kapitlu 555 tal-Ligijiet ta' Malta kif, fil-fatt, ghamel l-ilmentatur f'dan il-kaz. Imbaghad, minn hemm, huwa l-inkarigu tal-Ufficcju tal-Arbitru li jistieden lill-partijiet jersqu ghall-medjazzjoni u l-partijiet ghandhom il-libertà li jaccettaw jew jirrfjutaw tali medjazzjoni.

[14] *Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd, QA (Inf),* 5/11/2018

Ghalhekk l-ilmentatur m'ghamel l-ebda nuqqas f'dan ir-rigward u l-ligi stess tipprovdi li l-medjazzjoni ghandha ssir meta 'huwa possibbli' u m'hemm xejn tassattiv fil-ligi li jekk ma ssirx il-medjazzjoni l-Arbitru ma jistax jiddeciedi l-kaz jew hemm xi sanzjoni ta' nullità fil-process.

Ghalhekk din l-eccezzjoni hija wahda fiergha u qed tigi michuda.

**Dwar il-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-kaz b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, hu gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[15]

Peress li dan il-kaz huwa dwar rifjut ta' *claim* ghad-danni li garrab l-ilmentatur meta gherqitlu d-dghajsa, l-Arbitru jrid jara jekk ir-rifjut tal-*claim* huwiex wiehed gustifikat.

***Dikjarazzjoni falza u 'non-disclosure' ta' fatti materjali u ksur ta' warranty***

Il-provditur tas-servizz qajjem l-eccezzjonijiet li (1) l-ilmentatur ghamel dikjarazzjoni falza u *non-disclosure* ta' fatti materjali meta ma ddikjarax fil-*proposal form* li kien kundannat mill-Qorti dwar reat li kien jinvolvi dizonestà u ma semmiex ukoll li l-kaptan kien jorqod fuq id-dghajsa in kwistjoni u (2) kien hemm *warranty* fi Klawsola D2 tal-polza li d-dghajsa ma setghetx tintuza bhala residenza jew '*boathouse*' liema *warranty* l-ilmentatur kiser.

1. *'Non-disclosure' ta' fatti materjali*

Kuntrarju ghal diversi pajjizi ohra, ghad m'ghandniex ligi sostantiva komprensiva li tkopri sew il-kuntratt ta' assikurazzjoni: x'inhuma ezattament l-obbligi tal-assikuratur u dawk tal-assikurat kif ukoll id-drittijiet taghhom li johorgu mill-istess kuntratt. Ghalhekk, matul is-snin il-Qrati taghna imxew strettament mal-ligi Ingliza f'dan il-qasam u hafna mid-decizjonijiet tal-Qrati Maltin huma msejsa fuq decizjonijiet tal-Qrati Inglizi. U dawn is-sentenzi tal-Qrati Inglizi huma ippernjati ma' kif kienet il-*common law* Ingliza. Izda, fl-ahhar snin, l-Inglizi ikkodifikaw sew il-kuntratt tal-assikurazzjoni fejn saru tibdiliet sostanzjali. Saret distinzjoni netta bejn kuntratti tal-assikurazzjoni li jaghmel il-konsumatur u dawk il-kuntratti tal-assikurazzjoni bejn kummercjant u assikurazzjoni. Saret bidla wkoll fejn jidhol il-kuncett ta' '*non-disclosure'* ta' fatti materjali ghaliex fejn

[15] Kapitlu 555, Art. 19(3)(b)

qabel kien jitqies li l-assikurat ghandu obbligu assolut li jghid dak kollu li jaf u dak li kien mistenni li jkun jaf, illum il-ligi Ingliza taghmel distinzjoni meta l-assikurat jahbi fatti xjentement u meta jkun hemm dik li tissejjah '*innocent non-disclosure'*.

Intefa' wkoll piz fuq l-assikuratur biex fil-*proposal form* jaghmel dawk il-mistoqsijiet li hu jhoss huma materjali b'mod specifiku biex b'hekk giet eliminata l-prattika minn certi kumpaniji tal-assikurazzjoni li kienu jimputaw certi nuqqasijiet innocenti tal-klijent billi kienu jghidu li certa informazzjoni li ma tnizzlitx fil-*proposal form* b'mod genwin, imissha tnizzlet ghaliex l-assikurat mhux biss kellu jnizzel dik l-informazzjoni li kien jaf, imma anke dik l-informazzjoni li messu kien jaf. Illum hu meqjus li l-assikuratur irid kemm jista' jaghmel mistoqsijiet specifici li l-assikurat irid iwiegeb b'onestà. Saret ukoll distinzjoni fejn informazzjoni mitluba fil-*proposal form* tkun thalliet barra b'mod innocenti, b'negligenza, b'*recklessness* jew b'hazen mill-assikurat.

Il-kuntratt ta' assikurazzjoni dejjem tqies li huwa bbazat fuq il-principju li l-partijiet iridu jimxu ma' xulxin bl-akbar *bona fede,* kemm fil-fazi pri-kontrattwali kif ukoll matul l-ezekuzzjoni tal-kuntratt. Din l-*uberrimae fidei* hija l-bazi tal-kuntratt tal-assikurazzjoni u l-assikurat huwa obbligat li jaghti l-informazzjoni kollha mitluba sabiex l-assikurazzjoni tkun f'qaghda tiddeciedi jekk tinxurjax lil dak li jkun, liema *premium* titolbu biex tkopri r-riskji inxurjati u wkoll jekk tridx iddahhal xi kundizzjoni jew limitazzjoni fil-polza.

Ghalhekk l-assikurat (il-proponent) ghandu jaghti l-informazzjoni materjali kollha lill-assikurazzjoni. Tradizzjonalment kien jitqies li l-assikurat ried jghid anke dik l-informazzjoni li ma gietx mitluba lilu.

Fil-kawza ***Degiorgio v. Agius,*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju, 1962 (Vol XLVI.II.656)[16] intqal li *'il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu meqjus bhala wiehed tal-aqwa bona fede, u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi hu generalment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li hu rilevanti ghall-assikuratur li jkun jaf, u dan anke jekk ma jkunx mistoqsi.'*

[16] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju, 1962 (Vol XLVI.II.656)

Izda dan il-principju ta' *disclosure 'open ended'* gie reformat maz-zmien ghaliex tqies li l-oneru fuq l-assikurat kien qed ikun bla limitu u seta' jsir abbuz billi anke informazzjoni li proponent innocentament kien iqis li mhix importanti kien jigi sanzjonat biha fil-mument li jaghmel il-*claim*.

Ghalhekk, kif qalet sew il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Paul Grech et vs Middlesea Insurance plc et***,[17] filwaqt li kkonfermat il-principju li l-assikurat irid jirrispondi sew il-mistoqsijiet tal-*proposal form* ziedet li dan l-obbligu illum huwa limitat ghall-mistoqsijiet li jsiru fil-*proposal form* u ghal xejn izjed:

'*Dan il-principju gie enfasizzat fl-EEC Council Directive tal-1977, ghalkemm, f'dik id-direttiva, gie suggerit li l-obbligu tal-assikurat huwa ezawrit meta jirrispondi onestament id-domandi li jkun hemm fil-polza, minghajr htiega li jzid aktar.'*

L-Arbitru, li jrid jiddeciedi l-kaz fil-kwadru ta' gustizzja, ekwità u ragonevolezza, jhoss li dan il-principju li l-assikurat mhux mistenni li joqghod jimmagina dak kollu li jmissu jghid, izda li jwiegeb onestament il-mistoqsijiet li jsirulu, huwa mehtieg sabiex inaqqas l-insikurezza tal-assikurat li jkun serrah rasu li jkun kopert ghal certi riskji, imbaghad, jigi rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn l-assikurazzjoni tinvalida l-kopertura ghaliex ma jkunx zvela xi fatt li ma jkunx gie mistoqsi fuqu u li hu onestament ikun hass li ma kienx importanti jew relevanti ghall-assikurazzjoni meta ma zvelahx. B'hekk, il-bilanc ta' drittijiet bejn il-partijiet issahhah b'mod li filwaqt li baqa' jzomm lill-assikurat responsabbli li jaghti informazzjoni dwar fatti materjali, dawn gew limitati ghall-mistoqsijiet li jsiru fil-*proposal form* u ma baqghux bla limitu.

*Il-Proposal Form*

Dan ma jnaqqas xejn mill-importanza tal-*proposal form* li kemm qrati barranin kif ukoll il-Qrati Maltin dejjem tawha importanza.

Fil- fatt, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***Angelo Spiteri vs Citadel Insurance p.l.c.***[18] qalet hekk:

'*Hu dottrinalment ricevut illi in linea generali l-ftehim ta' assikurazzjoni jaf il-bidu tieghu lid-dokument li kif inhu maghruf mill-istess nomenklatura tieghu jkun jikkontjieni proposta da parte tal-persuna li tkun trid tassigura li trid tidhol*

[17] Deciza 28 ta' Lulju 2014
[18] QA (inf) ps 28 /04/2004

*f'rapport ta' assikurazzjoni. Proposta din li una volta accettata mill-assikuratur tipperfezzjona l-kuntratt u tikkreja l-vinkolu kontrattwali.'*

Ghalhekk il-ftehim ikun sar a bazi ta' dak li jigi ddikjarat fil-*proposal form.* Kemm-il darba qamet il-kwistjoni liema huma fatti materjali li jekk jithallew barra tigi invalidata l-polza. Fatti materjali dejjem tqiesu dawk il-fatti li l-assikurazzjoni tqis importanti sabiex tiddeciedi jekk tiehux ir-riskju; liema *premium* tiffissa u jekk iddahhalx limitazzjonijiet ohra fil-polza.

Il-Qrati taghna dejjem sostnew li galadarba jkun hemm mistoqsijiet fil-*proposal form* dawn ghandhom jitwiegbu b'mod korrett u veritier:

'*Hu d-dmir tal-persuna li timla' l-proposal form li tirrispondi ghad-domandi li jkun hemm fiha bl-ahjar mod possibbli. Ladarba kien hemm domanda specifika fil-proposal form hu evidenti li ghall-kumpanija assikuratrici t-taghrif mitlub kien materjali u l-attrici kellha obbligu li twiegeb ghal kull domanda b'mod fidil.'*[19]

Bl-izviluppi li saru fil-ligi Ingliza u specjalment bil-*Consumer Insurance* (*Disclosure and Representations*) *Act 2012,* m'ghadhiex issir enfasi fuq il-kuncett ta' '*material fact'* izda fuq dak li jissejjah *'the duty to take reasonable care*'.

**John Birds**, **f'*Birds Modern Insurance Law***,[20] jispjega l-qaghda prezenti kif gej:

'*In this context there is no longer a concept of a "material circumstance" or a "material fact". In place of the previous law, the Act imposes a duty on the consumer to take reasonable care not to make a misrepresentation to the insurer … So, in essence it is only mis-statements on a proposal form (whether on paper or online) or in answer to questions posed on the telephone or electronically that are actionable in the situation of an original proposal for insurance'.*

Meta jispjega xi tfisser '*reasonable care'* John Birds' jghid:

'*Reasonable care is judged by the standard of a reasonable consumer in the light of all the relevant circumstances, namely, an objective test and not whatever might be the opinion of the actual consumer proposer, the actual insurer or a reasonable insurer.'*[21]

[19] *Maria Concetta Grixti (appellanti) vs Argus Insurance Agencies Limited noe.* QA (Inf), 4 ta' Dicembru 2018.
[20] (Tenth edition), (Sweet and Maxwell), p. 127
[21] *Ibid.*

***Dawn il-principji applikati ghall-kaz in kwistjoni***

Il-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentatur heba l-fatt li hu kien ikkundannat mill-Qorti tal-Magistrati sena habs sospiza u multa ta' elfejn ewro ghaliex kien instab hati li xahham ufficjal pubbliku sabiex tinhariglu licenzja ghad-dghajsa mertu tal-kaz. L-Arbitru ra s-sentenza in kwistjoni[22] fejn l-ilmentatur gie mizmum ukoll milli jkollu licenzja nawtika ghal zmien sena.

Il-*proposal form* kellha din id-dikjarazzjoni li giet iffirmata mill-ilmentatur:

*'No insured/skipper has ever been charged with or convicted for an offence involving dishonesty of any kind.'*[23]

Il-provditur tas-servizz isostni li l-ilmentatur naqas mill-obbligu li jghid il-verità fuq il-*proposal form* meta ddikjara li ma kellu l-ebda akkuza jew kundanna ghall-offiza li kienet tinvolvi dizonestà taht kwalunke forma.

L-ilmentatur jghid li hu ma kienx jaf b'din il-kundizzjoni fil-polza ghaliex kien imlielu l-polza certu Malcolm Ellul li kien ilu jafu u kien jafda fih u l-formola kienet imtliet bit-telefon.

Fil-fatt, xehed li:

'*Kont naf persuna li kienet tahdem ma' Rausi li kien jismu Malcolm Ellul u peress li dan Malcolm Ellul mar l-MIB, jien mort mal-MIB. Nghid li mal-MIB, meta mtliet il-Proposal Form, din imtliet fuq it-telefon. Imtliet minn Malcolm Ellul, bil-kitba tieghu u nghid li jien kelli fiducja f'dan Malcolm Ellul; kont nghaddi wara jumejn, niffirma u nhalli c-cekk. Nghid li f'dan il-kaz hekk gara. Li staqsieni jien ghidtulu u l-kitba hi tieghu ... F'dan il-kaz ghaddejt jumejn wara, iffirmajt, tajtu ic-cekk u hadt il-Proposal Form. Nghid li lanqas qrajtha l-Proposal Form u l-insurance baqghet tiggedded sena b'sena.'*[24]

Barra minn hekk, l-ilmentatur gab bhala xhud lil XXX li ghamel *affidavit*[25] fejn qal li wara li kien kellmu l-ilmentatur li l-assikurazzjoni ma laqghetx il-*claim* tieghu

[22] P. 19-27
[23] P. 16
[24] P. 167-168
[25] P. 197

ghaliex ma kienx semma l-akkuza u l-kundanna tal-Qorti, hu mar ghand l-assikurazzjoni u nfurmaha li kellu akkuza kriminali:

'*Meta mort hemm sibt tfajla li nfurmajtha dwar dan il-kaz u hi marret ghand superjur taghha u x'hin giet lura qaltli li dak il-kaz li kelli ma kienx jaffettwa xejn l-insurance tieghi u qaltli biex inserrah rasi.'*[26]

XXX jaghmel referenza ghal nota li giet imdahhla mal-*proposal form.* Din in-nota tghid li:

'*Client came over to our office and advised he was once charged €500 for not having a valid driving licence (nautical) ….*'[27]

Din it-tezi tal-ilmentatur li l-*proposal form* ma kienx imliha hu, u li ma kienx jaf x'fiha, kif ukoll il-fatt li lil XXX l-assikurazzjoni kienet skolpietu ghax heba l-fatt dwar l-akkuzi kriminali, gew spjegati u anke kontradetti kemm minn Malcolm Ellul kif ukoll minn Rein Caruana li spjega fuq liema informazzjoni kienet iddahlet in-nota ta' XXX mal-*proposal form.*

Malcolm Ellul xehed li ghalkemm kien hu li mela l-*proposal form* ma kienx minnu li din imtliet fl-assenza tal-ilmentatur jew li l-ilmentatur ma kienx jaf il-kontenut taghha:

'*Nghid li cempilt lis-Sur NO u tajtu l-quote, però, ghidtlu li kien hemm kundizzjoni li jrid jaghmel Statement of Facts, u fis-17 ta' Gunju 2013, mela din l-iStatement of Facts, li hi l-Proposal Form, u nghid li ghamilniha fil-prezenza ta' xulxin. Nghid li dak kollu li staqsejtu hu wiegeb.*

*Qed nigi muri Dok F u nikkonferma li din hi l-iStatement of Facts li qed nirreferi ghaliha fejn hemm ukoll il-firma tal-klijent u l-kitba hija tieghi'*.[28]

Ix-xhud izid jghid li l-ilmentatur ma qabadx u ffirma l-*proposal form* u qraha sew u anke issuggerixxa xi emendi li gew milqugha:

'*Nghid li meta tajtu l-Proposal Form innutajt li ma qabadx u iffirmaha mill-ewwel, imma qaghad jaqra l-Proposal Form fid-dettall, li hadt gost ghax hekk*

[26] *Ibid.*
[27] P. 198
[28] P. 203

*ghandu jsir. Imma beda jitlob certi emendi fuq din il-proposta. Fil-fatt, saru xi emendi u dawn niftakarhom bl-amment*.'[29]

Hawn ix-xhud isemmi d-diversi emendi li saru.

L-Arbitru ghandu zewg verzjonijiet opposti, però, jqis li l-ilmentatur kien mar ghand Malcolm Ellul ghaliex kien jafu u kellu fiducja fih, izda f'dan il-kaz jipprova jghid li Malcolm Ellul kien staqsih l-informazzjoni bit-telefon u hu semplicment ghadda xi jumejn wara, hallas, u gabar il-karti minghajr qatt ma qara l-*proposal form*. Kieku verament dan kien minnu ma kinux jidhlu d-diversi emendi imsemmija specifikament minn Malcolm Ellul u li dan inkluda fuq suggerimenti tal-ilmentatur. Anke kieku Malcolm Ellul kien imlielu l-polza bit-telefon xorta wahda r-responsabbiltà tal-*proposal form* taqa' fuq l-ilmentatur, hekk kif qalu diversi drabi l-Qrati Maltin. Min jimla l-*proposal form* ghal haddiehor jitqies li hu l-mandatarju tal-assikurat u jekk dan ikun naqsu ghandu azzjoni kontrih. Imma l-*proposal form* dejjem tqieset li hija r-responsabbiltà tal-assikurat.[30]

Barra minn hekk, l-Arbitru jiddubita wkoll il-kredibilità tal-ilmentatur dwar il-fatt jekk il-kaptan tad-dghajsa kienx jabita fuq id-dghajsa jew le. Hu jsostni fl-*affidavit* tieghu[31] li:

*'Dwar l-allegazzjoni li l-Kaptan YYY kien jabita fuq id-dghajsa jiena informajthom li dan ma kienx minnu u fil-fatt ir-residenza ordinarja tal-istess Kaptan kien il-post tieghu fil-Gzira. Apparti minn hekk kieku vera l-Kaptan kien qed jghix fiha x'aktarx l-incident kien jigi evitat u d-dghajsa ma kinetx teghreq.'*[32]

Izda din id-dikjarazzjoni hija kontradetta mill-istess Kaptan fin-nota li kien ghamel b'idu stess li, fost affarijiet ohra, tghid:

'*I was use to live on the boat Hui-Jen till a week before it sunk.'*[33]

L-ilmentatur jipprova jghid li l-fatt li ma semmiex li kellu akkuza kriminali ma kienx fatt materjali ghaliex lil XXX, li kellu akkuza bhal tieghu, ghamlulu biss nota mal-*proposal form* ('il fuq imsemmija) u qisu ma gara xejn ghall-assikurazzjoni.

---

[29] *Ibid.*
[30] *Borg Raymond noe vs Fogg Ltd noe*, PA, 30/10/2003
[31] P. 193 *et seq*
[32] P. 194
[33] P. 361

Però, l-fatti kif johorgu mid-dikjarazzjoni ta' Rein Caruana huma differenti. Huwa minnu li XXX kien mar ghand l-assikurazzjoni u qalilhom bil-multa ta' €500 li kien wehel izda, kif jidher min-nota stess li l-assikurazzjoni dahhlitlu mal-*proposal form*, dan qalilhom **biss** li kien instab hati talli ma kellux licenzja nawtika u mhux ghaliex, fil-fatt, instab hati li xahham ufficjal pubbliku sabiex tinhariglu licenzja fuq premessi qarrieqa.

Fil-fatt, in-nota li saret fiz-zmien li XXX mar ghand l-assikurazzjoni kienet tghid:

'*Client came over to our office and advised he was once charged €500* ***for not having a valid driving licence (nautical)***'.[34]

Rein Caruana jghid li l-assikurazzjoni kienet giet imqarrqa minn XXX ghaliex ma kienx semma l-akkuzi li verament kien instab hati ghalihom:

*'However, for the record I must state that we were given to understand by Mr XXX that he had been fined for using his yacht without a nautical licence. We were not specifically informed that he had bribed someone to get the licence.'*[35]

Huwa zied jghid li:

'*It is important to note that we only linked the name 'XXX' with the Transport Malta scandal upon receiving the complaint filed by Mr NO dated 22 November 2018. Before that date we had no information to suggest that Mr XXX had been accused of the same crime as Mr NO and neither did we know of or hear of any other judgement. By this time, Mr XXX was no longer insured with us as our underwriters Amlin had chosen not to renew its binder agreement insuring marine pleasure crafts past May 2018 and therefore the matter stopped there.*'[36]

Minn dawn il-provi, ghalhekk, jirrizulta li l-ilmentatur ma rnexxilux jipprova li l-fatt li ddikjara li ma kellux offizi kriminali (meta fil-fatt kellu), setghet b'xi mod tigi skoplita bid-dikjarazzjoni skorretta li kien ghamel siehbu XXX lill-assikurazzjoni. *Semmai* gie ippruvat li XXX, l-ewwel ma ddikjarax li kellu offizi kriminali u wara rega' ta informazzjoni qarrieqa meta heba l-akkuzi kriminali li fil-fatt instab hati taghhom.

[34] P. 198. L-enfasi mizjuda mill-Arbitru.
[35] P. 299
[36] P. 300

Barra minn hekk, kull kaz ghandu jitqies fuq il-partikolaritajiet tieghu u l-Arbitru jrid jillimita ruhu ghall-fatti tal-kaz li ghandu quddiemu b'referenza ghall-ilment ta' NO u ta' hadd aktar.

L-ilmentatur iddikjara li ma kellu l-ebda offiza kriminali li tinvolvi dizonestà meta, fil-fatt, kellu akkuzi serji dwar dizonestà kif 'il fuq imsemmi f'din id-decizjoni. Dan jitqies bhala *misrepresentation* ta' fatti materjali ghaliex kienet dikjarazzjoni importanti sabiex l-assikurazzjoni tkun taf ezatt ma' min qed taghmel il-kuntratt tal-assikurazzjoni, u jekk il-persuna li kienet bi hsiebha tassumi r-riskju ghaliha hix affidabbli jew le.

Barra minn hekk, anke jekk jigi applikat il-kriterju tad-*'duty to take reasonable care',* spjegat 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li konsumatur ragonevoli oggettiv jaghmel dikjarazzjonijiet korretti fuq il-*proposal form* specjalment meta jsirulu dikjarazzjonijiet jew mistoqsijiet specifici li ghandu jwegibhom jew jassumihom b'mod onest u korrett.

Il-Qrati taghna dejjem sostnew li meta l-assikurat ma jaghtix informazzjoni korretta fil-*proposal form,* il-kumpanija assikuratrici tista' tinvalida l-kuntratt u ma tonorax il-*claim*.

Per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet ***Angelo Spiteri vs Citadel Insurance p.l.c.***,[37] il-Qorti qalet:

*'In konsegwenza ta' dawn il-principji hu ormai ben saldat fil-gurisprudenza illi "l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-"proposal form" (**Kollez Vol. XLVI pII p 656**). Dan anke ghaliex il-proposal form hija ritenuta bhala parti integrali tal-polza tal-assikurazzjoni u, kwindi, dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza (**Kollez Vol XXXVI pIII p 610**). Dan ifisser necessarjament illi jekk jirrizulta li l-informazzjoni kontenuta fil-proposal form kienet mankanti fl-elementi materjali taghha, tali mankanza kienet tintitola lis-socjetà assikuratrici biex tiddekreta l-"avoidance" tal-polza.'*[38]

*Ksur ta' warranty*

---

[37] QA (inf), 28 /04/2004

[38] Ara wkoll: *Salvu Briffa vs Walter Camilleri noe*, QA, 9/02/2001

It-tieni raguni li ta l-provditur tas-servizz ghar-rifjut tal-*claim* kienet li l-ilmentatur kien kiser il-*warranty* u l-*general condition* taht sezzjoni D 2 tal-polza. Fil-polza kien hemm *warranty* li tghid li d-dghajsa in kwistjoni kellha tintuza bhala *pleasure boat* u mhux bhala residenza u, ghalhekk, hadd ma seta' jirrisjedi fuqha.

Din il-kundizzjoni qieghda f'*Section D* taht in-nomenklatura – *Warranties and General Conditions*[39] li tghid:

*'D2 Private Pleasure warranty*

*Warranted to be be used soley for private pleasure purposes and not to be hired, chartered or used for reward unless previously approved by Underwriters in writing, and such permission is endorsed hereon.*

***It is further warranted that the vessel shall not be used as a residence or houseboat.'***[40]

Lill-assikurazzjoni l-ilmentatur kien qalilha anke waqt l-ipprocessar tal-*claim*[41] li mhux minnu li l-Kaptan kien jghix fuq id-dghajsa kif ukoll qal hekk fl-*affidavit* tieghu li pprezenta f'dan il-kaz.[42] Dan m'ghandux mill-verità ghaliex il-Kaptan stess, kif digà imsemmi f'din id-decizjoni, qal li sa gimgha qabel gherqet id-dghajsa kien jghix fuqha. L-avukat tal-ilmentatur ukoll kien kiteb lill-assikurazzjoni fejn iddikjara li l-Kaptan kien jghix fuq id-dghajsa.[43]

Ghalhekk din il-*warranty u general condition tal-polza* giet miksura u l-assikurazzjoni tista' tirrifjuta l-*claim*. Apparti l-fatt li nkisret din il-*warranty u l-general condition* tal-polza, l-Arbitru jhoss li l-informazzjoni inveritiera li ta l-ilmentatur lill-assikurazzjoni fl-istadju tal-ipprocessar tal-*claim*, jigifieri, d-dikjarazzjoni li l-Kaptan ma kienx jghix fuq il-*boat* meta fil-fatt kien jaghmel dan sa gimgha qabel gherqet id-dghajsa jammonta wkoll ghal dikjarazzjoni falza li tmur kontra l-obbligu ta' *uberrima fides* fuq l-assikurat.

---

[39] P. 90
[40] *Ibid.* Enfasi mizjuda mill-Arbitru.
[41] P. 28
[42] P. 194
[43] P. 98: '… *I have been informed that YYY is the Captain and the person taking care/living on the boat for the past three years preceding the 3rd November 2015.'*

*Konkluzjoni u Decizjoni*

**Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li l-assikurazzjoni kellha ragunijiet validi bizzejjed sabiex ma tonorax il-*claim*.**

**Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jichad l-ilment.**

**Peress li l-Arbitru cahad l-eccezzjonijiet preliminari tal-provditur tas-servizz jordna li l-ilmentatur ihallas zewg terzi tal-ispejjez ta' din il-procedura filwaqt li l-provditur tas-servizz ihallas it-terz l-iehor.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**